

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

6.11.2007

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar il-follow-up ta' l-Aġenda Territorjali u l-Karta ta' Leipzig – Programm ta' Azzjoni Ewropew għall-ippjanar ta' l-ispazju u l-Koeżjoni Territorjali

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Gisela Kallenbach

Il-Qafas

Fl-24 u l-25 ta' Mejju 2007 il-Ministri ta' l-UE responsabbli għall-ippjanar ta' l-ispazju u l-iżvilupp urban adottaw waqt laqgħa informali tal-Ministri f'Leipzig l-Aġenda Territorjali (AT) u l-Karta ta' Leipzig (KL).

Kien hemm qbil bejn il-Ministri ta' l-UE dwar prijoritajiet territorjali għall-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea u dwar ir-rakkomandazzjoni għal politika ta' żvilupp urban integrata b'konsiderazzjoni speċjali għall-dawk id-distetti żvantaġġjati. Dan sar fuq bażi ta' analiżi komuni ta' l-isfidi tal-ġejjieni għall-iżvilupp reġjonali fl-Ewropa.

L-AT hija r-riżultat ta' snin ta' kooperazzjoni intergovernali ta' l-Istati Membri u hija bbażata fuq it-tliet għanijiet essenzjali tal-Kunċett ta' l-Iżvilupp Urban Ewropew (KŻUUE) li sa issa għadu validu:

- L-iżvilupp ta' sistema urbana ekwibrata u poliċentrali u relazzjoni ġdida bejn belt u pajjiż,
- Sikurezza ta' aċċess indaqs għall-infrastruttura u l-għarfien,
- Żvilupp sostenibbli, speċjalment permezz ta' ġestjoni u protezzjoni tan-natura u l-wirt kulturali.

L-adozzjoni ta' l-AT ssaħħa id-dimensjoni territorjali u tinsab f'allineament ma' l-isforzi sabiex il-kunċett ta' koeżjoni territorjali jkun definit u żviluppat. Fuq il-bażi ta' l-Artikoli 2, 6, 16 u 158 tat-Trattat tal-KE il-koeżjoni territorjali diġà kienet ikkunsidrata bħala t-tielet dimensjoni fil-politika ta' koeżjoni. It-Trattat ta' Riforma jispjega l-koeżjoni territorjali għall-għan tat-trattat u jipprovi kompetenza leġislattiva kompetittiva għall-UE u l-Istati Membri f'dan il-qasam.

Il-Ministri ta' l-UE għall-Iżvilupp Urban laħqu ftehim dwar il-KL, għalkemm l-UE ma kellha l-ebda kompetenza leġislattiva fil-qasam ta' l-Iżvilupp Urban. Id-dimensjoni urbana qed tidher aktar importanti fil-livell Ewropew, speċjalment għall-iżvilupp tal-politika ta' koeżjoni. Proċessi ta' agglomerazzjoni progressivi jgħibu magħhom ħafna sfidi, pereżempju it-tnaqqis tad-distretti, il-konġestjoni tas-sistemi tat-traffiku fiċ-ċentri urbani, is-siġillar ta' l-art, il-ħsarat ambjentali jew ta' problemi soċjali. Il-KL hi fuq kollox mibnija fuq dawn ir-riżultati:

- Il-programm ta' ħidma ta' Lille mis-sena 2000,
- L-Urban Acquis mis-sena 2004 u
- Il-Bristol Accord mis-sena 2005

Fit-triq lejn l-adozzjoni ta' l-ewwel programm ta' azzjoni

Fit-23 ta' Novembru 2007 il-Ministri ta' l-UE se jadottaw l-ewwel programm ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-KL waqt il-Kunsill informali tal-Ministri fl-Azores. Il-programm ta' azzjoni joffri qafas għal miżuri individwali konkreti, li għandhom ikunu introdotti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-AT sa l-ewwel evalwazzjoni fl-2010. Għaldaqstant għandhom ikunu distinti ħames oqsma ta' responsabbiltajiet:

- Implimentazzjoni ta' l-AT fil-qasam tal-kompetenza tal-Ministri,
- Influwenza mid-dossier muftieħ ta' l-UE u tisħiħ tad-dimensjoni territorjali u urbana tal-politiki ta' settur speċifiku,
- Tisħiħ tal-Multi-Level-Governance
- Evalwazzjoni u tqabbil ta' l-iżvilupp territorjali ta' l-UE,
- Koordinazzjoni u evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-ewwel programm ta' azzjoni u żvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni għal koeżjoni territorjali u żvilupp urban sostenibbli.

Il-programm ta' azzjoni għandu jgħib fis-seħħ proċess dinamiku, li jippermetti li l-iżvilupp urban Ewropew jkun influwenzat b'mod pożittiv skond il-miri ta' l-AT u tal-KL.

Il-rwol tal-PE

Il-Parlament Ewropew ħa sehem bħala stakeholder fl-iżvilupp ta' l-AT u tal-KL, daħal fil-proċess b'mod attiv u jixtieq jimxi mal-proċess ta' l-implimentazzjoni b'mod kritiku.

Fis-27 ta' Frar 2007 il-Kumitat għall-iżvilupp Reġjonali (REGJ) adotta karta ta' pożizzjoni bir-rakkomandazzjonijiet għall-AT u l-KL fejn fiha l-REGJ jitlob fost l-oħrajn programm ta' azzjoni bi kriterji ta' evalwazzjoni preċiżi u miri meqjusa.

Il-rapport ta' inizjattiva – imsejjes fuq il-kontribuzzjoni attiva tal-REGJ għad-deċiżjoni ta' l-AT, il-KL kif ukoll l-ewwel programm ta' azzjoni – huwa kontribut ieħor essenzjali għall-implimentazzjoni ta' żvilupp ekwilibrat, sostenibbli u territorjali ta' l-UE.

Ir-rapport li fih hemm id-dibattitu dwar l-istrateġija ta' Lisbona u Göteborg għandu jkun konkluż qabel is-samit tar-rebbiegħa ta' l-UE, sabiex l-importanza tad-dimensjoni territorjali u urbana fil-qafas ta' dawn l-istrateġiji jkollha konsiderazzjoni ikbar.

Rekwiżiti għall-implimentazzjoni ta' suċċess

L-għanijiet ifformolati fl-AT u fil-KL jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' strateġija ta' żvilupp li tkun estensiva, tinkludi setturi ġenerali u integrali. Għalhekk huwa ta' importanza kbira li jkun segwit approwċ integrali, kemm vertikali kif ukoll orizzontali.

Approwċ integrat vertikali jfisser koordinazzjoni u kooperazzjoni ta' livelli statli differenti (lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej) iklużi l-parteċipanti lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili (Stakeholder) kollha kkonċernati. Il-programm ta' azzjoni ma għandux biss jikkonċerna lill-Ministri responsabbli ta' l-UE għall-azzjoni, iżda għandu jinkludi fl-implimentazzjoni tal-miri l-livelli statali kollha. Parteċipanti lokali u reġjonali għandhom b'mod speċjali jinternalizzaw dawn il-miri, ladarba l-fatt li huma jsegwu dawn il-miri relatati ma' ppjanar urban ikun ta' importanza speċjali għalihom¹.

Żvilupp urban jista' biss ikun ta' suċċess, jekk wieħed iħares lejha mil-lat ta' belt-żona ta' madwar-politika. Għaliex bħalma ż-żoni ta' madwar jipproffittaw mill-offerti tal-belt, hekk

¹ ara fost l-oħrajn: European Commission, "Spatial impacts of Community policies and costs of non-coordination".

ukoll b' mod urġenti l-belt u ż-żona ta' madwar jeħtieġu għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet, li huma stess ma jkunux jistgħu jintuwx biżżejjed bħal rikreazzjoni u provista ta' l-ilma. Wieħed irid jikkonsidra l-korrelazzjoni intensiva, speċjalment l-influss ta' materjal, ta' kapital u ta' persuni bejn il-belt u ż-żona ta' madwar, li jridu jgħaddu minnhom il-bliet flimkien mas-sħubija taż-żoni ta' madwarhom. Għalhekk għandhom jinħolqu strutturi amministrattivi adegwati, li jagħmluha possibbli li jintużaw sinerġiji u jevitaw li jkun hemm kompetizzjoni għar-riżorsi li ma tkunx ta' ġid. Ostakli burokratiċi u politiċi għandhom ikunu meġħluba. Il-kooperazzjoni territorjali u reġjonali hawnhekk hija l-rwol muftieħ, sabiex tkun evitata polarizzazzjoni bejn iż-żoni urbani u dawk rurali u jintużaw sinerġiji bl-aħjar mod. Il-kompetenzi speċifiċi taż-żoni rurali għandhom kontribut importanti għad-diversità territorjali ta' l-Ewropa.

Żvilupp sostenibbli ta' spazju u urban jirrikjedi wkoll **approwċ integrat orizzontali**. Politiki tas-settur speċifiku m'għandhomx jostakolaw la l-miri ta' l-iżvilupp reġjonali u l-anqas dawk ta' l-iżvilupp urban, iżda għandhom ikunu konformi magħhom. Ukoll, politiki tas-settur speċifiku bħal pereżempju l-politika tat-trasport jew dik ta' l-enerġija għandhom ikunu analizzati fuq l-effetti tagħhom, kemm fuq skala kbira kif ukoll żgħira. Tip ta' approwċ bħal dan huwa ta' kontribut ukoll, sabiex tkun evitata esklużjoni soċjali u jkun mgħejjuna distretti żvantaġġjati. Għalhekk għandha tkun implimentata strateġija ta' żvilupp integrata li tikkunsidra l-aktar aspetti differenti, bħal pereżempju t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-politika tat-trasport u l-kultura tal-bini.

Barra minn hekk il-politika ta' koeżjoni hija r-rwol muftieħ sabiex ikunu milħuqa l-miri ta' l-AT u tal-KL. Minħabba l-volum finanzjarju l-politika ta' koeżjoni hi l-istrument ta' kontroll l-aktar importanti għall-iżvilupp ta' spazju u urban sostenibbli. L-allokkazzjoni ta' fondi strutturali għandhom ikunu mmirati b' mod aktar qawwi lejn il-miri tal-politika ta' spazju, bħal pereżempju t-titjib ta' strutturi urbani poliċentriċi jew ġestjoni ta' riskju transewropew fir-rigward tat-tibdil tal-klima.

L-ibliet għandhom responsabbiltà speċjali fil-każ tal-konformità meħtieġa għall-miri komunitarji tal-protezzjoni tal-klima. Fost il-prinċipji ġenerali ta' belt li ma tkunx ta' dannu għall-klima, il-protezzjoni tal-klima għandha tkun ankrata bħala kwestjoni orizzontali u tkun ikkunsidrata fl-interessi kollha. Il-fondi strutturali jistgħu hawnhekk jikkontribwixxu bħal pereżempju għal solluzzjonijiet għat-trasport li huma konformi mal-klima u miżuri tal-bini li huma effiċjenti fir-rigward ta' l-enerġija.

Proposti konkreti għall-implimentazzjoni aħjar tal-miri ta' l-AT u tal-KL

Il-parteċipazzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku, ekoloġiku, soċjali u kulturali biss jista' jippermetti żvilupp ta' l-ispażju u żvilupp urban ekwilibrat. L-iżvilupp ta' spazju għandu x'jaqsam ma' l-ippjanar u l-kontroll ta' l-iżvilupp tat-territorju sħiħ (bini ta' djar, kummerċ / negozju / industrija, trasport, spazji naturali, agrikultura), fejn żoni urbani dejjem kellhom rwol speċjali minħabba l-funzjoni ekonomika u soċjali tagħhom, kif ukoll minħabba l-kumplessità tagħhom.

Prijorità ewlenija tal-Presidenza Portuġuza tinsab fl-implimentazzjoni tal-miri ta' l-AT. L-Istati Membri qablu bejniethom, li ssir l-ewwel evalwazzjoni ta' l-AT fis-sena 2010 taħt il-Presidenza Ungeriża. Tali evalwazzjoni tkun tagħmel sens biss jekk l-għanijiet konkreti ta' l-AT ta' l-iżvilupp reali jkun konfrontati. Għalhekk huwa meħtieġ li fil-qafas ta' l-

implimentazzjoni ta' l-ewwel programm ta' azzjoni jkunu definiti indikaturi ta' miri konkreti u meqjusa, li jippermettu li jkun evalwat l-iżvilupp ta' l-ispazju ta' l-UE. Hawn għandu jkun hemm referenza għall-proposti ta' l-istudju ta' l-EPSON (pereżempju EPSON 1.1.1 dwar poliċentriżmu, EPSON 1.1.4 dwar żvilupp demografiku, EPSON 1.2.1 dwar it-trasport)

It-Trattat ta' Rifirma ta' Lisbona jispjega l-koeżjoni territorjali għall-għan tat-trattat u jipprovi lill-UE f'dan il-qasam kompetenza kompetittiva ma' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tuża din il-bażi sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' l-AT permezz ta' inizzjattivi u tiżviluppa aktar fil-qafas ta' l-Open Method of Coordination.

Ma dan hemm analiżi aktar eżatta tal-politiki ta' l-UE fir-rigward ta' l-effett territorjali, minbarra l-ewalwazzjoni ta' l-impatt ta' l-ispazju ta' proposti leġiżlattivi ġodda fuq livell ta' l-UE. Uħud mill-proġetti ta' l-EPSON diġà taw l-ewwel riżultati f'dan il-qasam, li għandhom ikunu kkunsidrati fit-tfassil tal-politika¹. Analiżi aktar sistematika tal-politiki ta' l-UE li huma ta' settur speċifiku fir-rigward ta' l-effetti territorjali hija rekwiżit għall-implimentazzjoni effettiva ta' l-approwċ integrali. Għal dan il-qasam l-EPSON żviluppat metodi għall-ewalwazzjoni ta' l-effetti territorjali: TEQUILA toffri metodu għal analiżi multidimensjonali². Il-Programm ġdid EPSON 2013 b'baġit ta' 34 miljun EWRO jista' jagħti aktar kontribut għal dan il-għan.

Il-kuxjentizzazzjoni fir-rigward ta' l-effetti territorjali tal-politika reġjonali kif ukoll tal-politiki ta' l-UE li huma ta' settur speċifiku għandha tkun permezz ta' dan aktar akuta, filwaqt li fis-samit tar-rebbiegħa ta' l-UE ikun hemm dibattitu dwar l-implimentazzjoni ta' l-AT u l-KL, fil-qafas tad-diskussjoni dwar il-fondi strutturali. Konsiderazzjoni speċjali għandha tingħata lis-sinifikat ta' l-approwċ integrat u lis-sikurezza tad-diversità territorjali.

Fuq proposta tal-Kummissjoni u fuq bażi tal-ħidmiet ta' l-EPSON għandu jiġi żviluppat qafas uniformi fl-Ewropa kollha għall-eżami ta' konformità ta' l-ispazju fuq livell ta' proġett. Xi wħud mill-Istati Membri bħall-Ġermanja, l-Awstrija, l-parti tal-Vallonja tal-Belġju jew il-Portugal diġà għandhom tali instrument. L-esperjenzi miġmugħa jistgħu jixxandru fid-dibattitu. Qafas ta' eżami ta' dan it-tip għandu jkun implimentat speċjalment f'każ ta' proġetti kbar li jsiru permezz tal-fondi strutturali. Dan huwa partikolarment meħieġ sabiex jitpoġġa piż ikbar fuq il-kompatibbiltà ta' l-ispazju għall-għażla ta' proġetti importanti. Anke it-tnaqqis ta' l-użu ta' l-art u l-użu multifunzjonali taċ-ċentri urbani bħala postijiet abitabbli u postijiet tax-xogħol jirrappreżentaw Termini ta' Referenza ta' spazju politiku li aktar minn qabel għandhom ikunu rekwiżiti permezz ta' l-allokazzjoni ta' fondi strutturali.

Fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Lisbona għandha tkun iktar ikkunsidrata d-dimensjoni territorjali u urbana fil-Pjanijiet ta' Qafas Strateġiċi Nazzjonali u parti mill-Benchmarking tal-Kummissjoni jkun fil-qafas ta' l-"Open Method of Coordination". Barra minn hekk aspetti territorjali u urbani għandhom jkunu ferm iktar ikkunsidrati fl-ewalwazzjoni u t-tfassil ta' politiki Ewropej, bħal pereżempju fil-qafas tar-reviżjoni tal-baġit, tal-politika għal żoni rurali jew tal-politika tat-trasport ta' l-UE.

L-ghelug

¹ Ara fost l-oħrajn "Territorial effects of structural funds, ESPON project 2.2.1".

² Draft ad-hoc note, Policy Department B, EP, "Follow-up of the TA and the Leipzig Charter: Towards a European Action Programme for spatial development and territorial cohesion".

It-twertieq tal-miri preżentati fl-AT u l-KL mhuwiex xi skop magħluq fih innifsu, iżda jservi bħala strateġija ta' żvilupp sostenibbli għat-titjib tal-kwalità ta' ħajja għaċ-ċittadini kollha ta' l-UE. L-UE ma tidentifikax ruħha biss permezz ta' diversità territorjali kbira fuq spazju limitat, iżda wkoll permezz ta' kwalità ta' ħajja għolja (u mhux l-inqas minħabba sensibbiltà Ewropea għall-iżvilupp reġjonali u belt sostenibbli) u politika reġjonali. Dan il-fattur determinanti għandu jkompli jħares l-UE. Implimentazzjoni ta' suċċess ta' l-AT u tal-KL jista' jwassal għall-kontribut deċiżiv.